MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Numru 489/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frank A. Tabone]**

**vs**

**Maria Georgette Spiteri Gambin**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Maria Georgette Spiteri Gambin, detentriċi tal-karta tal-Identita bin-numru 30971G talli:

Nhar il-25 ta' Awwissu, 2012 irrifjutat illi tagħti aċċess lil żewgha Michael Gambin għal binhom Gabriel Gambin hekk kif stabbilit mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja)

fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2012, hekk kif ikkonfermat fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2012 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet 'Marie Georgette Spiteri Gambin vs Michael Gambin' (Rik 8/2011 PC) u liema aċċess kellu jiġi eżerċitat bejn id-09:30hrs u 11:00hrs. Dana kollu jammonta għal ksur tal-Artikolu 338(II) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru, 2012, li biha il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha ċanfira u twiddiba u filwaqt illi spjegatilha bi kliem ċar l-import tad-deċiżjoni, innotat li ma gietx mitluba l-ebda sospensjoni tal-effetti tad-deċiżjoni.

**3.** Rat ir-rikors tal-appellanti Marie Georgette Spiteri Gambin ppreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2012 li bih talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża.

**5.** Il-fatti ta' dan il-każ safejn relevanti għall-finijiet ta' dan il-provvediment huma kif ġej.

**6.** Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, wara li spjegat lill-imputata appellanti l-import tad-deċiżjoni tagħha, innotat li ma ntalbet ebda sospensjoni tal-effetti tas-sentenza li kienet ippronunzjat. Di fatti, mill-atti ma jirriżulta ebda verbal jew xi att bil-miktub, minnufih wara s-sentenza jew f'xi stadju ieħor qabel jew wara r-rikors tal-appell li bih ntalab is-sospensjoni tas-sentenza appellata. Fis-seduta quddiem din il-Qorti tal-10 ta' Mejju 2013 saret talba mid-difiża sabiex jiġu inseriti fl-atti r-rapport tal-Psikologa Dr. Veronica Ellul kif ukoll id-domandi in eskussjoni li saru lill-istess psikologa stante li dawn ma kienux disponibbli quddiem l-ewwel Qorti minħabba li saru wara li l-kawża ġiet deċiża mill-ewwel Qorti. Dakinhar din il-Qorti ddiferiet l-appell għall-provvediment fuq it-talba msemmija u għat-trattazzjoni dwar il-mertu tal-appell jekk ikun il-każ għas-

seduta tad-19 ta’ Lulju 2013. F’din l-aħħar data msemmija din il-Qorti ssopendiet il-prolazzjoni tal-provvediment u ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet li mis-sentenza appellata jirriżulta li fil-konklużżjoni tagħha l-Qorti ddikjarat “tinnota li ma ġietx mitluba l-ebda sospensjoni tal-effetti ta’ din id-deċiżjoni” u li barra minn hekk ma jinsab reġistrat fl-atti l-ebda verbal li bih l-appellanta talbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza u anqas tirrizulta s-solita formula intiża għal daqshekk fl-atti tal-proċess.

**7.** Wara li saru sottomissjonijiet orali kemm mid-difiża kif ukoll mill-prosekuzzjoni id-difiża talbet li tingħata żmien sabiex tippreżenta nota tal-osservazzjonijiet dwar il-punt sollevat mill-Qorti liema talba intlaqat minn din il-Qorti li tat ukoll żmien lill-prosekuzzjoni sabiex twieġeb permezz ta’ nota u ddiferiet l-appell għall-provvediment dwar il-kwistjoni sollevata mill-Qorti waqt is-seduta, u ċioe’ dik tad-19 ta’ Lulju 2013 u occorrendo wkoll dwar il-punt dwar il-produzzjoni tar-rapport tal-Psikologa Veronica Ellul. Kemm id-difiża kif ukoll il-prosekuzzjoni ppreżentaw in-noti ta’ osservazzjonijiet tagħhom u għalhekk il-Qorti hija issa f’pożizzjoni li tagħti dan il-provvediment.

Ikkunsidrat:

**8.** L-artikolu 416(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

“Il-persuna misjuba ħatja li ma tkunx taħt arrest għar-reat li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja tista’, meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla’ mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, kemm-il darba tagħti garanzija tajba, skont l-artikolu 577(1), li tidher għal kull att tal-kawża quddiem il-qorti superjuri kull darba li tiġi msejħa minn dik il-qorti; u f’dan il-każ igħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 579, 581, 583, 585, 586 u 587.”

**9.** Hu ormai stabbilit li n-nuqqas ta’ talba ghas-sospensjoni tas-sentenza appellata tammonta ghal akkwiexxenza liema akkwiexxenza hija in konflitt mal-volonta’ li wiehed jappella u tali sospensjoni trid tintalab immedjatament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b’dan

il-mod biss tkun tista' tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza[1].

**10.** L-appellanta fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha tissottometti li l-artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali ma japplikax għall-każ tagħha għaliex altrimenti jkun qiegħed jiġi vjetat lilha d-dritt ta' appell u konsegwentement mċaħħda mid-dritt tad-doppio ezame u dan ikun il-każ għal kull min jingħata ċanfira jew twiddiba. Dan l-argument hu bla fondament. Ħadd ma għandu xi dritt awtomatiku ta' appell. Ħadd ma għandu xi dritt awtomatiku għad-doppio eżami. Id-dritt tal-appell irid jiġi eżerċitat skont iċ-ċirkostanzi u taħt il-kundizzjonijiet imposti mill-liġi u jekk il-persuna relevanti tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dak rikjest mill-liġi dan ikun ifisser li f'dawk iċ-ċirkostanzi dik il-persuna la għandha dritt ta' appell u anqas dritt għad-doppio eżame.

**11.** Iktar jagħti lok għal riflessjoni dak li ssottomettiet l-appellanti li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tagħha ma kienx hemm sentenza tali li tagħha kellha tintalab sospensjoni. F'dan ir-rigward l-appellanti tissottometti li s-sentenza appellata kkundannatha għal-ċanfira u twiddiba u li dawn ingħataw fis-sentenza stess u li għalhekk dawn ma setgħux jintreġġew lura u ma kien hemm xejn li l-appellanti kellha tissospendi. In sostenn tas-sottomissjoni tagħha l-appellanti invokat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-każ "Il-Pulizija v Andrea Stellato"[2].

**12.** Din il-Qorti kif preseduta tistqarr li, bir-rispett kollu dovut, ma hix persważa bir-raġunament tal-appellanti u dak tal-Qorti fis-sentenza ċitata. Fl-ewwel lok bħala fatt ma jirriżultax li ċ-canfira u twiddiba li għalihom ġiet kundannata l-appellanti mill-ewwel Qorti ingħataw fl-istess sentenza. Dak li jirriżulta hu li fis-sentenza appellata l-appellanti ġiet <u>kundannata</u> għal ċanfira u twiddiba u mhux li dik iċ-ċanfira u twiddiba ingħataw mill-Qorti fl-istess sentenza. Il-kundanna għal sanżjoni ma hix ekwivalenti

---

[1] Ara App Krim P v Issa Isslam Tawfik Issa 2/2/2006 u d-diversi sentenzi hemm citati.
[2] App. Krim. 19/1/1995

għall-esekuzzjoni tagħha għaliex altrimenti dan iwassal għall-konklużjoni li kull kundanna tiġi esegwita appena tingħata li evidentement ma hux il-każ. Fis-sentenza ċitata jingħad li "l-ammonizzjoni u reprensjoni ssir mill-Qorti bħala parti mis-sentenza nnifisha, b'mod li mat-tmiem tal-pronunzjament tas-sentenza, din tkun ġa ġiet esegwita". Huwa minnu li dak li ingħad fis-sentenza jista' jiġri billi wara l-kundanna l-Qorti tiddikjara li qed ċċanfar u twiddeb lill-imputat, jew fis-sentenza stess jew permezz ta' verbal fl-atti wara l-qari tas-sentenza. Dan, iżda, ma jirriżultax li kien il-każ fil-kawża odjerna peress li mis-sentenza appellata, filwaqt li jirriżulta li kien hemm il-kundanna għal ċanfira u twiddiba fejn jingħad "tikkundannaha ċanfira u twiddiba", ma jirriżultax li din ċ-ċanfira u twiddiba ingħatat la fl-istess sentenza u anqas minn xi verbal wara l-kundanna. Dan hu li wieħed jistenna li korrettement għandu jsib wara li tiġi pronunzjata l-kundanna u jekk il-prassi hi li l-kundanna titqis mill-Qorti bħala wkoll l-esekuzzjoni tagħha din aktar hi malprassi milli dak li trid il-liġi[3].

**13.** L-appellanti tissottometti li jekk l-appell tagħha jiġi ddikjarat null ikun qiegħed isir "procedural unfairness" u jkun qiegħed jiġi leż id-dritt tagħha li tappella minn sentenza tal-Qorti Inferjuri li jifforma parti integrali mid-dritt tas-smiegħ xieraq. Il-Qorti, in parti għar-raġunijiet li ġia ingħataw dwar l-arġinar tad-dritt ta' appell kif ukoll għal raġunijiet oħra, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni iżda ma għandhiex għalfejn tiddilunga ulterjorment dwarha u dwar osservazzjonijiet oħra fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-appellanta u dan minħabba l-mod kif ser eventwalment tiddisponi minn din il-kwistjoni f'dan il-provvediment. L-invokazzjoni ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament preseduta li ingħataw f'sitwazzjonijiet diversi minn dawk tal-każ odjern ma humiex ta' għajnuna għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti. Inoltre, l-fatt li l-artikolu 419(1) jipprovdi espressament għan-nullita' tal-appell fil-każ tan-nuqqaqsijiet formali speċifiċi hemm kontemplati ma jipprekludix lill-Qorti milli tidentifika sitwazzjonijiet oħra

[3] Ara artikolu 15 tal-Kodiċi Kriminali

li wkoll jagħtu lok għall-irritwalita' u konsegwenzjali nullita' tal-appell.

**14.** Din il-Qorti, iżda, hi tal-fehma li s-soluzzjoni tal-kwistjoni quddiemha tinsab band' oħra u hi waħda konformi ma' dak li ġia rriteniet hi l-pożizzjoni korretta għar-rigward tal-kundanna għall-piena ta' ċanfira u twiddiba u l-esekuzzjoni ta' dik il-kundanna.

**15.** Kif ġia rrilevat din il-Qorti, mis-sentenza appellata jirriżulta li kien hemm kundanna għall-piena ta' ċanfira u twiddiba iżda għar-raġunijiet ġia spjegati aktar kmieni f'din is-sentenza ma jirriżultax li din il-kundanna ġiet esegwita mill-Qorti kif jirrikjedi l-artikolu 15 tal-Kodiċi Kriminali. Dan neċessarjament ifisser li dik il-kundanna qatt ma ġet esegwita u l-Maġistrat li sema' l-kawża effettivament *motu proprio* ssospenda l-esekuzzjoni tagħha. Hi għal din ir-raġuni li ma kienx hemm aktar ħtieġa li l-appellanti titlob is-sospensjoni tas-sentenza li effettivament kienet ġia ġiet sospiża mill-ewwel Qorti b'tali mod u manjera li s-sentenza appellata kienet waħda analoga ma' sentenza sospiża li fir-rigward tagħha din il-Qorti ġia rriteniet li ma hemmx ħtieġa ta' talba mill-ikkundannat għas-sospensjoni tagħha skont l-artikolu 416(1) tal-Kodiċi Kriminali.

**16.** Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddikjara li f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li l-imputata appellanti taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza għaliex l-esekuzzjoni tas-sentenza twaqqfet mill-ewwel Qorti *motu proprio*.

**17.** Il-Qorti sejra issa tikkunsidra t-talba tad-difiża sabiex jiġu inseriti fl-atti r-rapport tal-Psikologa Dr. Veronica Ellul kif ukoll id-domandi in eskussjoni li saru lill-istess psikologa stante li dawn ma kienux disponibbli quddiem l-ewwel Qorti minħabba li saru wara li l-kawża ġiet deċiża mill-ewwel Qorti.

**18.** Il-prova li qed tintalab mid-difiża f'dan l-istadju hija prova ġdida li ma ġietx prodotta u anqas ntalbet il-produzzjoni tagħha fil-prim'istanza u ġiet miċħuda mill-Qorti. L-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

**424.** Quddiem il-qorti superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief -

(*a*) jekk jiġi ippruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-qorti inferjuri;

(*b*) jekk il-prova tkun ġiet offerta quddiem il-qorti inferjuri, u din il-qorti, bla ma kien imissha, ċaħdet din il-prova.

**19.** Il-paragrafu (b) tal-artikolu msemmi kjarament ma japplikax fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ għaliex fil-prim istanza qatt ma ntalbet il-produzzjoni tar-rapport tal-Psikologa Dr. Veronica Ellul jew tad-domandi in eskussjoni li saru lill-istess psikologa. Jidher ukoll, iżda, li dik il-produzzjoni ma setgħetx tintalab fil-prim' istanza għaliex r-rapport in kwistjoni kien għadu ma sarx u għalhekk anqas setgħet tintalab l-eskussjoni tal-Psikologa msemmija. Għalhekk iċ-ċirkostanzi postulati fil-paragrafu (a) tal-artikolu 424 imsemmi sabiex ikunu jistgħu jiġu ammessi provi ġodda f'dan l-istadju jidher li jistgħu jkunu sodisfatti. B'danakollu din il-Qorti ma hix f'pożiżżjoni li tiddetermina għal kollox din il-kwistjoni qabel ma tistabilixxi r-relevanza o meno tal-provi mitluba, iċ-ċirkostanzi tan-nomina tal-istess Psikologa u jekk id-difiża kienetx a konjizzjoni tal-istess u kienetx f'pożizzjoni li titlob il-produzzjoni tagħhom in prim' istanza filwaqt li anki f'din l-istanza żżomm dejjem quddiem għajnejha l-interessi tal-minuri.

Għaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li tirriafferma li f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li l-imputata appellanti taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza appellata għaliex l-esekuzzjoni tagħha twaqqfet mill-ewwel Qorti *motu proprio* tipprovdi fuq it-talba tad-difiża għall-produzzjoni tar-rapport tal-Psikologa Dr. Veronica Ellul u tad-domandi in eskussjoni li saru lill-istess psikologa billi provviżorjament tammetti l-produzzjoni tal-istess salv kull provvediment ulterjuri li jista' jidhrilha li

għandha tagħti fir-rigward fi stadju ulterjuri ta’ dawn il-proċeduri.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------